# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju 2025**

**Numru 4**

**Rikors Numru 1016/2020**

**Roger u Yvonne konjugi Borg (ID 661641M u 1066644M rispettivament)**
**vs**
**Matthew Borg (ID 146777M)**
**Claire Bonnici (ID 398676M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Roger u Yvonne konjuġi Borg (l-Atturi) tas-6 ta' Novembru 2020 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

> Illi l-Konvenuti kienu mizzewgin, liema zwieg kien gie dikjarat null u bla efetti;
> Illi waqt iz-zwieg, il-Konvenuti kienu hadu self minn HSBC Bank Malta plc ghas-somma ta` sitta u erbaghin elf liri Malta (Lm 46,000) ekwivalenti ghas-somma ta` mija u sebat elef, mija u wiehed u hamsin Euro u tmintax -il centezmu €107,151.18)
> Illi l-konvenuti kienu ffirmaw kuntratt pubbliku mal -HSBC Bank Malta plc fil-12 ta' Awissu 2004 (Dok A), li wara infitah kont bin-numru 18002366;

Illi l-Atturi, li jigu skond is-sanction letter hawn anness u mmarkat bhala Dok B;
Illi l-Konvenuti ghal ragunijiet finanzarji ma bdewx ihalsu lill-imsemmi bank il-pagamenti ta` kull xahar;
Illi bhala rizultat l-Atturi bdew ihalsu huma kull xahar ir-repayments, li kienu obbligati ihalsu l-Konvenuti, u dan bil-kundizzjoni li l-Konvenuti jhalsu lura lill-Atturi:
Illi d-data ta` accountants Camilleri Galea Limited (Dok C), kkalkolaw l-ammont ta` flus li l-Atturi kienu ddepozitaw fil-kont tas-self tal-Konvenuti, flimkien ma` l-imghax dovut, liema somma jammonta ghal hamsa u sebghin elf , mija u sittax il-Ewro u tletta u disghin centezmu ( €75,116.93).Ir-rapport jikkalkola sa 31 ta` Settembru 2019;

Jghidu ghalhekk il-Konvenuti ghaliex m` ghandhiex dina l-Qorti:

1. Tiddikjarahom bhala kredituri ta` l-Atturi fis-somma ta` hamsa u sebghin elf, mija u sittax il Ewro u tletta u disghin centezmu (€75,116.93);
2. Tikkundanna lill-Konvenuti sabiex ihalsu lill-Atturi s-somma hamsa u sebghin elf, mija u sittax -il Euro u tletta u disghin centezmu (€75,116.93), oltre l-imghax legali

   Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal -Konvenut ghas-subizzjoni

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Claire Bonnici (il-konvenuta) tat-18 ta' Diċembru 2020 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponenti teċċepixxi l-intempestivita' ta' dawn il-proċeduri stante l-fatt li l-mertu ta' dak pretiz mill-atturi b'mod partikolari l-kwistjoni dwar jekk l-esponenti għandhiex titqies li hija responsabbli versu l-atturi għall-ħlasijiet li saru minnhom in konnessjoni mad-dejn ma' l-HSBC Bank Malta Plc indikat mill-atturi fir-rikors promotur għadu soġġett għal proċeduri oħra pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza 493/2016MH fl-ismijiet *Roger Borg I.D. 661641(M) u Yvonne Borg – I.D. 1066644(M) vs. Matthew Borg I.D. 146777(M) u Claire Bonniċi I.D. 398676(M)* in konnessjoni ma' ħlasijiet oħra preċedenti magħmulin mill-atturi in konnessjoni **ma' l-istess dejn** dovut lill-HSBC Bank Malta Plc.

   Fil-fatt fl-istess Appell imressaq mill-esponenti f'dawn il-proċeduri su-citati ġie mitlub fost oħrajn, u b'referenza għal dak li kien ġie deċiz mill-ewwel Qorti illi:

   *l-istess Qorti kellha wkoll tqis li l-esponenti u l-komunjoni ta' l-akkwisti bejnha u l-konvenut ma kellhomx u ma għandhom qatt jagħmlu tajjeb għal dak pretiz mill-istess atturi proprju għaliex dak li huma ħallsu għamluh a bazi ta' direct debit mandate li kien ingħata mill-atturi a favur*

*tal-konvenut Matthew Borg waħdu u esklissivament u kif ukoll qabel iz-zwieġ tiegħu ma' l-esponenti;*

Għaldaqstant minkejja li s-somom li qed jidhru li huma pretizi mill-atturi f'dawn il-proċeduri (għalkemm mhux b'mod daqstant ċar) qed donnhom jinftehmu li huma somom oltre dawk pretizi fil-proċeduri hawn fuq ċitati (pero' referibbli għall-istess dejn ma' l-HSBC Bank Malta plc – liema ħlas ikun irid jiġi ppruvat), jibqa' l-fatt li l-mertu tal-Appell hawn fuq indikat hu wieħed li għandu jkun ta' relevanza għall-mertu ta' dawn il-proċeduri u li b'hekk dak l-Appell għandu jingħata preċedenza qabel is-smiegħ ta' dawn il-proċeduri;

F'dan ir-rigward għandu jitqies li l-atturi fetħu dawn il-proċeduri tassew in *mala fede* (u b'ritaljazzjoni wara li l-esponenti intimatom hi stess bi proċeduri oħra li kienet ser tkun hi li tmexxi kontrihom u li fil-fatt bi ħsiebha li tmexxi, wara protest ġudizzjarju li kien sar kontrihom), għaliex huma suppost jafu li hemm dawn il-proċeduri hawn fuq indikati pendenti u li l-ezitu tagħhom huma ta' relevanza u jafu saħansitra effettivament jeħilsu lill-esponenti minn kwalsiasi responsabilita' għal dak pretiz minnhom izda dwar dan kollu fir-rikors promotur tagħhom ma semmew xejn!

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u mingħajr preġudizzju għal eċċezzjonjiet oħra li qed jingħataw, il-pretenzjonijiet tal-atturi għandhom jitqiesu li ma għandhomx jintlaqaw, stante dak li jipprovdi l-artikolu 1947(2) tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta) kemm stante dik li għandha titqies li hija l-posizzjoni tal-konvenut l-ieħor u l-mezzi tiegħu, u kemm fil-konfront tagħha jekk stess hija titqies li kienet debitriċi tas-self in kwistjoni (fatt li hu kontestat anki tenut kont li fil-kuntratt ta' self li kien ingħata mill-HSBC esebit saħansitra mill-atturi nfushom mar-rikors promotu għandu jirrizulta li l-Klijent u d-debitur skond l-istess kuntratt kien unikament il-konvenut Matthew Borg) u fi kwalunkwe kaz, anki tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari konnessi ma' dan il-kaz, u dan għar-raġunijiet li jkunu jistaw jingħataw matul il-mori tal-kawza;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u mingħajr preġudizzju għal dak li jaf ikun l-ezitu ta' l-Appell hawn fuq indikat, l-esponenti għandha titqies li m'hijiex il-leġittimu kontradittur tal-atturi stante l-eċċezzjonijiet li qed jingħataw f'din il-kawza inkluz dawk li jafu saħansitra jmorru oltre l-mertu ta' l-Appell hawn fuq indikat.

   F'dan ir-rigward l-eċċipjenti tibda bilii tibqa' tinsisti li:

   **a)** __**qatt**__ ma eżista ftehim bejnha u l-atturi sabiex dawn iħallsu jew jissaldaw id-dejn imsemmi fir-rikors promotur tagħhom u fil-fatt l-atturi l-anqas biss infurmaw lill-esponenti jew talbu l-kunsens tagħha sabiex huma jissaldaw l-istess dejn u wisq anqas ma kien hemm xi ftehim li jkun dovut kwalsiasi imgħax lill-istess atturi għall-pagamenti mħallsin minnhom lill-HSBC Bank Malta Plc u b'hekk

ma għandha l-ebda rabta kuntrattwali jew rapport ġuridiku magħhom fir-rigward ta' dak pretiż minnhom f'din il-kawża;

b) Illi mizjud mas-suespost jiġi wkoll eċċepit illi l-ftehim u obbligazzjoni li kienu assumew l-atturi biex jagħmlu r-repayments lill-Bank HSBC kien fil-fatt ġie assunt qabel iz-zwieġ tal-esponenti mal-konvenut biss stante direct debit Mandate li l-atturi kienu taw lill-istess Bank HSBC in sostenn tat-talba li kien ressaq il-konvenut Matthew Borg waħdu **qabel** mal-konvenut kien izzewweġ lill-esponenti (kif jirrizulta saħansitra mis-sanction letter li kienet ukoll ingħatat qabel iz-zwieġ datata 3 ta' Ġunju 2004 mentri l-esponenti żżewġet lill-konvenut fil-31 ta' Lulju 2004)) biex b'hekk għandu jirrizulta li kwalsiasi ftehim li seta' kien hemm bejn l-atturi u l-konvenut Matthew Borg biex jagħmlulu tajjeb għall-istess dejn kien wieħed li sar qabel iz-zwieġ u b'hekk unikament responsabilita' **parafernali** tal-istess konvenut;

F'dan ir-rigward l-esponenti tibqa' tinsisti li l-fatt li d-dejn mal-Bank HSBC ġie finalizzat waqt iż-żwieġ, kien jirrifletti u jsegwi biss dak li kien ġie effettivament diġa miftihem u aċċettat mill-Bank HSBC u mill-atturi nfushom mal-konvenut Matthew Borg minn wara dahar l-esponenti qabel iż-żwieġ tagħha mal-konvenut u mingħajr il-kunsens tagħha (inkluz b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna d-direct debit mandate li kienu taw). In oltre, il-fatt li kollox gie finalizzat ftit jiem wara z-zwieg, flok qabel, juri wkoll l-intenzjoni malizzjuza jew b'ulterior motives tal-konvenut Matthew Borg u tal-atturi nfushom kif konfermat b'din il-kawza, li jkaxkru lilha wkoll fi kwistjoni li fil-verita kienet biss waħda ta' natura parafernali għall-istess konvenut Matthew Borg.

c) Illi fil-fatt għandu jirrizulta li l-intiza li kien hemm bejn l-atturi u l-konvenut Matthew Borg saħansitra qabel iz-zwieġ tiegħu ma' l-esponenti (u b'hekk b'obbligazzjoni parafernali) kienet dejjem dik li l-atturi jħallsu l-istess dejn mal-Bank u mbad huwa jgħaddilhom minn taħt l-istess ripagamenti, mingħajr ebda ftehim li jitħallsu ebda imgħaxxijiet li jidhru li qed jiġu wkoll pretizi mill-atturi izda li huma fi kwalsiasi kaz kontestati, dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost;

d) In konnessjoni ma' dan il-punt mingħajr preġudizzju għas-suespost, ser jinkombi wkoll fuq l-atturi li jippruvaw li huma effettivament ma rċevew ebda flus jew xi konsiderazzjoni jew propjeta' oħra mingħand il-konvenut Matthew Borg sew parafernalment jew mill-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejnu u l-esponenti, qabel jew matul is-snin li dawn kienu qed jagħmlu l-pagamenti allegati minnhom li b'xi mod setgħat kienet qed tagħmel

tajjeb in toto jew in parte, għall-flus allegatament maħruġin minnhom lill-HSBC Bank Malta Plc – u dan qed jingħad għaliex jeżistu ċirkostanzi li juru li dan seta' kien il-każ – kif ser jiġi muri f'aktar dettal matul il-mori ta' din il-kawża;

e) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet ta' l-atturi fil-konfront tal-esponenti, ma għandhomx jintlaqaw stante li għandu jirrizulta li ma jezistux ir-rekwiziti legali neċessarji tenut kont fost oħrajn ta' dak indikat fl-artikolu 1949(2) tal-Kodiċi Ċivili u artikoli oħra relatati nkluz l-artikolu 1948;

4. Illi miżjud mas-suespost, l-esponenti teċċepixxi wkoll li hija għandha titqies li m'hijiex il-leġittimu kontradittur tal-atturi stante li minbarra l-fatt li l-konvenut Matthew Borg kien daħal fi ftehim mal-atturi, qabel iż-żwieġ tagħha miegħu, biex dawn jieħdu ħsieb il-pagamenti referibbli għad-dejn kuntrattat minnu mal-HSBC Bank Malta Plc, huwa daħal għall-istess dejn għal skopijiet li kellu f'moħħu, cioe' li jixtri artijiet gewwa l-Kroazja, sa minn qabel ma żżewġu l-partijiet u l-esponenti fi kwalunkwe każ qatt ma kienet parteċipi f'ebda ftehim jew negozju f'dan is-sens kemm qabel iż-żwieġ tagħha mal-konvenut Matthew Borg kif ukoll waqt l-istess żwieġ tagħha miegħu anzi dejjem kienet kontra l-pjanijiet li kellu l-konvenut liema negozju sar jew baqa' għaddej fil-fatt unikament mill-konvenut Matthew Borg saħansitra wara l-firda tagħhom de facto kif ikun jista' jiġi muri u jirrizulta waqt il-mori ta' din il-kawza;

5. Illi b'hekk u dejjem jekk fil-fatt l-atturi ma kienux tħallsu lura dak li huma ħallsu, għandu jkun il-konvenut Matthew Borg waħdu li jerfa' waħdu r-responsabilita' għal dak pretiż lura mill-atturi referibilment għall-flus li huma qed jallegaw li ħallsu lill-HSBC Bank Malta Plc, stante li kien l-istess konvenut li daħal għall-istess dejn għal raġunijiet li hu ddeċieda dwarhom waħdu saħansitra qabel iz-zwieġ tiegħu ma' l-esponenti u kien hu li għamel użu mill-flus mislufin mill-istess Bank mingħajr l-għarfien u awtorizzazzjoni ta' l-esponenti, kif irrizulta sa issa saħansitra fil-proċeduri ta' separazzjoni pendenti li hemm bejnha u bejn il-konvenut) u kif ser jintwera matul il-mori ta' din il-kawża u wara kollox, kien hu li suppost kien ser ikun qed jieħu ħsieb il-pagamenti dovuti lill-istess Bank;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti hija wkoll konvinta li fi kwalunkwe każ qatt ma eżista ftehim l-anqas bejn l-atturi u il-konvenut sabiex in kontro-kambju għal tali pagamenti li l-atturi kienu ser ikunu qed jagħmlu lill-istess Bank referibilment għad-dejn li binhom il-konvenut Matthew Borg kien daħal għalih mal-Bank HSBC, jibda jiddekorri favur l-atturi imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fuq

il-pagamenti hekk magħmulin minnhom u dan qed jingħad għar-raġunijiet li ser jingħataw matul il-mori ta' din il-kawża;

Illi fil-fatt għandu jirrizulta li dan il-punt li l-ebda imgħaxxijiet ma kellhom jitqiesu li kienu miftehma u dovuti fir-rigward tar-ripagamenti magħmula mill-atturi jifforma wkoll parti mill-mertu tal-proċeduri l-oħra ndikati aktar kmieni u li għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, fejn sa issa ġie saħansitra konfermat fis-sentenza li ingħata mill-Ewwel Qorti fl-4 ta' Diċembru 2019 fl-atti tal-kawza diġa ndikata aktar kmieni 493/2016MH fl-ismijiet Roger Borg I.D. 661641(M) u Yvonne Borg – I.D. 1066644(M) vs. Matthew Borg I.D. 146777(M) u Claire Bonniċi I.D. 398676(M) li l-ebda imgħax ma kien dovut.

Safrattant pero' u tassew in mala fede, l-atturi qegħdin għaldarb'oħra jitolbu imgħaxxijiet fuq ir-ripagamenti mitlubin minnhom minkejja li għad hemm Appell Pendenti referibbli għall-proċeduri hawn fuq imsemmija.

7. Illi b'referenza għal dak li għadu kemm ġie eċċepit fl-eċċezzjoni ta' qabel din iżda assolutament mingħajr preġudizzju għal tali eċċezzjoni u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet kollha ta' l-esponenti, fi kwalunkwe każ l-ebda imgħax ma għandu jitqies li hu dovut fuq is-sommom ta' flus li l-atturi qed isostnu li ħallsu lill-HSBC Bank Malta Plc bil-mod kif inhu mitlub u kalkulat mill-istess atturi għaliex kwalsiasi imgħax jiġi *se mai,* dekorribbli mill-mument li huma jiġu kanonizzati kredituri, jekk dan ikun il-każ, u ċioe' mid-data ta' kwalsiasi eventwali sentenza, dejjem jekk it-talbiet tagħhom jiġu milqugħin, jew fl-agħar ipotesi, mid-data tal-preżentata ta' din il-kawża u mhux minn meta dawn bdew jagħmlu l-pagamenti anki stante li ma hemm l-ebda prova li turi li qatt kien hemm ftehim li ebda imgħax kellu jibda jiġi dovut – proprju għaliex qatt ma eżista tali ftehim ċertament mhux ma' l-esponenti!;

8. Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk jirriżulta li hemm kwalsiasi ammont inkluż kwalsiasi imgħaxijiet li jitqiesu li huma dovuti lill-atturi, għandu jkun il-konvenut Matthew Borg waħdu li jinżamm personalment u unikament responsabbli sabiex iwieġeb u jħallas tali ammonti, mingħajr ma tiġi preġudikata l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejnu u bejn l-esponenti għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija u dawk li ser jingħataw matul il-mori ta' dawn il-proċeduri b'mod partikolari:

a) Stante li kwalsiasi obbligazzjoni li setgħat ġiet miftehma bejnu u l-atturi biex dawn iħallsu d-dejn li huwa kien ser jidħol għalih, ġiet miftehma qabel iż-żwieġ tiegħu ma' l-esponenti biex

b'hekk tali obbligazzjoni ma għandhiex titqies li ġiet tinkombi fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti;

b) Fi kwalsiasi każ, anki li kieku stess dak li għadu kemm ġie eċċepit ma jintlaqax, il-konvenut Matthew Borg waħdu għandu fi kwalsiasi każ jinżamm unikament responsabbli għal dak mitlub mill-atturi b'mod illi ma tiġix ippreġudikata l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-partijiet u wisq anqas is-sehem ta' l-esponenti mill-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejnha u l-konvenut Matthew Borg mhux biss stante dak eċċepit mill-esponenti permezz ta' dawn l-eċċezzjonijiet iżda wkoll in vista ta' l-applikazzjoni fost oħrajn tal-artikoli 1324 u jew l-artikoli 1327(d) stante li l-esponenti qatt ma daħlet f'ebda ftehim vis-a-vis l-atturi, u fl-agħar ipotesi, tenut kont tal-artikolu 1329(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16, Liġijiet ta' Malta), b'riserva għal referenza għal artikoli oħra tal-liġi li matul il-mori ta' din il-kawza jistgħu jirriżultaw li huma applikabbli;

9. Illi tenut kont tas-suespost effettivament għandu jirriżulta li l-fatti kif elenkati fil-premessi kif imressqin fir-rikors promotur tal-atturi rikorrenti huma wkoll inkorretti kif ser jiġi muri u spjegat matul il-mori ta' dawn il-proċeduri u li fi kwalunkwe kaz dak pretiz mill-atturi fil-konfront tal-esponenti hu nfondat fil-fatt u fid-dritt u b'hekk is-somma u imgħaxxijiet mitluba huma fi kwalunkwe każ kontestati;

10. Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk fl-agħar ipotesi jiġi b'xi mod konsidrat li l-esponenti tkun responsabbli għal dak mitlub mill-atturi (għalkemm dan il-fatt qed jiġi kompletament kontestat kif eċċepit aktar kmieni) din l-Onorabbli Qorti tintalab sabiex f'dak il-kaz telimina kwalsiasi obligazzjoni ta' ħlas lura, in solidum kif pretiza mill-atturi, għar-raġunijiet li ġew indikati fil-waqt li tieħu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li effettivament l-esponenti kienet dehret biss bħala garanti fuq is-self in kwistjoni kif ukoll li f'dak il-kaz l-atturi bħala garanti għandhom jibqaw responsabbli għas-sehem tagħhom mill-obbligu ta' ħlas li huma kienu daħlu għalieh fil-konfront tal-Bank HSBC Bank Malta Plc qabel iz-zwieġ tal-konvenuti tenut kont ta' dak li jipprovdi l-artikolu 1950 tal-Kodiċi Ċivili;

11. Illi l-esponenti fil-fatt teċċepixxi wkoll li din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex tippermetti lill-atturi sabiex juzaw din il-kawza bl-intiza biss daparti tagħhom li tkun letteralment ħadma kontriha pjanata mill-atturi possibilment b'kolluzjoni mal-konvenut binhom Matthew Borg innifsu intiza sabiex fil-waqt li huma għall-apparenza jiftħu l-kawza kontriha u kontra binhom ukoll, fl-aħħar mill-aħħar f'kaz ta' ezitu favorevoli għalihom, huma jezegwixxu dak pretiz unikament fil-konfront tal-esponenti għall-ammont kollu pretiz fil-waqt li binhom jispiċċa ma jħallas xejn, kif fil-fatt diġa ġara wara proċeduri oħra li l-atturi ressqu fil-

konfront ta' l-esponenti u binhom biex imbad ezegwew unikament kontra l-esponenti. L-esponenti, dejjem mingħajr preġudizzju għal dak kollu li qed jiġi eċċepit, topponi għaldaqstant ukoll għall-possibilita' li l-atturi jingħataw id-dritt li jmexxu kontriha b'dan il-mod u b'mod solidali mal-konvenut l-ieħor u għall-ammont kollu li qed jiġi pretiz mill-atturi;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jkunu jistgħu jitressqu skond il-liġi jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri kontra l-atturi u possibilment il-konvenut l-ieħor ukoll għar-raġunijiet kollha hawn fuq indikati u dawk li għandhom jirrizultaw matul il-mori ta' dawn il-proċeduri.

Rat li l-Konvenut Matthew Borg debitament notifikat baqa' ma għamel ebda risposta ġuramentata biex għalhekk tul il-Kawża kien fi stat ta' kontumaċja.

Rat is-Sentenza tagħha tat-2 ta' Mejju 2023 li permezz tagħha laqgħat l-ewwel eċċezzjoni meno l-aħħar paragrafu tagħha u ssospendiet il-Kawża ossia tħalliet sine die, sakemm jiġi deċiż l-Appell numru 493/2016/1 fl-ismijiet Roger Borg et -vs- Mathew Borg et, riappuntabbli wara d-deċiżjoni.

Rat li dan l-appell ġie deċiż fis-6 ta' Frar 2024.

Rat li din il-Kawża ġiet riappuntata għat-3 ta' Ġunju 2024.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda imressqa miż-żewġ partijiet fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat li din il-Kawża tħalliet għas-Sentenza għal-lum.

**Punti ta' fatti**

Il-konvenuti kienu miżżewwġin, pero' ż-żwieġ tagħhom ġie annullat. Waqt dan iż-żwieġ, il-konvenuti kienu għamlu dejn mal-HSBC Bank permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Awwissu 2004 fl-attti tan-nutar Pierre Falzon.

Iżżewwġu fil-31 ta' Lulju 2004. L-Atturi jgħidu li kienu garanti għal dan is-self u dan permezz ta' sanction letter (Ara a' fol 6).

Pero', minn eżami ta' dan id-dokument u anke tal-kuntratt fuq imsemmi, ma jirriżultax lil din il-Qorti li l-Atturi kienu garanti fis-sens kif trid il-liġi. Kienu biss rahanu xi isħma li kellhom fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. L-anqas fil-fatt li kien hemm direct payment mandate mill-kont tal-Atturi fl-akkont tal-konvenuta ma jista' jingħad li dan jammonta għal garanzija kif trid il-liġi.

Pero' jirriżulta wkoll li bħala fatt, l-Atturi, permezz ta' *debit direct order*, ħallsu flimkien ma' imgħax is-somma ta' €75,116.93 u dan anke kif isostnu skont rapport ta' komputazzjoni li preżentaw mar-rikors ġuramentat. Ir-rappresentatriċi tal-Bank tikkonferma li l-ammont tħallas kollu u sar mill-Atturi.

Għalhekk l-Atturi qegħdin jagħmlu din il-Kawża fejn qed jitolbu lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' Lm46,000 ekwivalenti għal €107,151.18.

**Punti ta' liġi**

Kif diġa' aċċennat, l-azzjoni ma tistax titqies li hija azzjoni ta' regress kontra debitur prinċipali mill-garanti, kif irid l-artikolu 1942 tal-kodiċi Ċivili. L-azzjoni esperita pjuttost għandha minn dik ta' meta terz iħallas id-dejn. Skond artikoli 1149 (1) tal-Kodiċi Ċivili "Il-kreditur ma jistax jirrifjuta ħlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-ħlas ikun ta' vantaġġ għad-debitur". Sakemm ma jirrisultax li dan il-ħlas ma hux a' vantaġġ tad-debitur, dan ix-xorta ta' pagament jagħti dritt ta' azzjoni permezz tal-azzjoni ta' rivalsa mill-Atturi kontra l-konvenuti.

**Konsiderazzjonijiet**

Jibda biex jingħad li l-Atturi jippretendu li huma kienu Garanti tal-konvenuti qua debituri tal-HSBS għas-self li ħadu permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Awwissu 2004 fl-atti tan-nutar Pierre Falzon (a' fol 8). Jgħidu wkoll li dan jemerġi anke mis-sanction letter maħruġa mill-imsemmi Bank (a' fol 6). Iżda minn eżami kemm tas-sanction letter u anke tal-kuntratt imsemmi, ma jirriżultax lil din il-Qorti li l-Atturi kienu garanti fis-sens kif trid il-liġi. Kienu biss rahanu xi isħma li kellhom fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta pero dan ma jagħmilhomx Garanti ai fini tal-liġi. Għalhekk meta l-Atturi jgħidu li kienu Garanti ma humiex qed ikunu legalment preċiżi.

Imma indipendentement minn dan kollu jekk terza persuna tħallas dejn ta' debitur, dan tal-aħħar ma jistax jopponi u min iħallas jista' jagħmel azzjoni ta' rivalsa sakemm ma jkunx ipprovat li l-ħlas ma kienx ta' vantaġġ għalih u dan kif jiddisponi l-artikolu 1149 tal-Kodiċi Ċivili li inter alia jiddisponi hekk: *"Il-kreditur ma jistax jirrifjuta ħlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-ħlas ikun ta' vantaġġ għad-debitur*"

Jibda biex jingħad li kif indikat aktar 'l fuq din il-Kawża kienet sospiża pendenti l-Appell fuq indikat. Dan ġie deċiż fis-6 ta' Frar 2024. Dak l-appell sab li l-Atturi f'dik il-Kawża, illum Atturi f'din il-Kawża, u f'ċirkostanzi jekk mhux għal kollox l-istess f'kull dettal, iżda bil-partijiet sostanzjali ta' fejn jirrigwarda l-azzjoni odjerna, il-konvenuta ma hiex tenuta li tħallas lill-Atturi għaliex in suċċint ma hiex debitriċi ai fini tat-talbiet.

Għal din il-Qorti jidher ċar, li għalkemm l-Atturi qed jindirizzaw l-azzjoni tagħhom kontra ż-żewġ konvenuti, l-interess tagħhom huwa li jottjenu ġudizzju fil-konfront tal-Konvenuta li kienet miżżewġa lil binhom.

Issa kuntrarjament għal dak li jsostnu l-Atturi, fir-transazzjoni mal-Bank involut l-unika Garanti li jirriżulta li hemm mad-debitur prinċipali, hija l-konvenuta. Din saħansitra dehret b'kunjom xbubtiha għaliex il-kuntratt sar ġimgħatejn wara li żżewġu u jidher li għalhekk kien iffirmat l-abbozz tal-kuntratt meta hi kienet għadha xebba. Di piu' ma jistax ma jkunx osservat, li tajjeb jew ħażin, id-debitur prinċipali ma hiex il-konvenuta iżda l-konvenut. Ħaġa stramba għaliex fil-mument tal-kuntratt il-konvenuti kienu miżżewġin. Għalhekk jidher li l-Bank ma kkunsidrax is-self li kien qed jagħmel il-konvenut kien meqjus bħala att ta' amministrazzjoni ordinarja ai termini tal-artikolu 1322(f) tal-kodiċi Ċivili u din il-Qorti taqbel ma' dan. Il-Bank donnu fehem li dan kien dejn li ma kienx qiegħed isir għal ħtiġijiet tal-familja u li għalhekk jgħabbi lill-komunjoni tal-akkwisti kif irid l-artikolu 1327(c) tal-Kodiċi Ċivili. Anke hawn, din il-Qorti taqbel ma' dan.

Intqal minn dawn il-Qrati li "*hemm ukoll atti li wieħed mill-konjugi jista' jġib fis-sehh uti singoli [Artikolu 1324 jew l-Artikolu 1327(c)]. F'dawn l-istanzi t-terz kreditur huwa legittimat li jossidisfa l-kreditu tiegħu fuq il-beni tal-komunjoni. Dan għar-raguni illi dawk l-atti jincidu fuq ic-cespiti li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal komunjoni. Naturalment, u skond il-ligi, l-istess terz kreditur huwa ulterjorment tutelat billi in subordine idur fuq il-beni personali ta' dak biss fost il-konjugi li għamel in negozju u ndaħal għar-responsabilita`*

*kontrattwali ...”*. (**Ara Sentenza fl-ismijiet J&E Griscti Limited -vs- Jesmond Sant et, 10 ta’ Jannar, 2007**). Filfatt il-proviso tal-artikolu 1330 jagħmilha aktar minn ċara li “*il-kredituri ma jistgħux jinfurzaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali tal-parti miżżewġa li ma tkunx hi li minħabba fiha nħolqot it-talba, iżda jistgħu f’dawn il-każijiet jinfurzaw it-talba tagħhom sal-limitu ta’ kull parti li tibqa’ ma titħallasx mill-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, kontra l-beni parafernali tal-parti li minħabba fiha nħolqot it-talba*”.

Issa l-Attur il-ħin kollu jallega li daħal Garanti għaliex ta b’rahna l-isħma inkwistjoni (a’ fol 30). Dan jgħid li kien hemm ukoll ftehim verbali mal-konvenuti li kellhom iħallsuh lura l-flus li joħroġ. (ibid). Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-Attur, fuq kwistjoni daqstant important dehrlu li kellu joqgħod fuq ftehim verbali meta bil-miktub *verba manet* u li għalhekk f’każ ta’ diverbju, l-Qorti ma jkolliex timbarka fuq l-iskoperta ta’ x’kienu l-intenzjonijiet tal-partijiet. Dan qed jingħad b’aktar qawwa fid-dawl tar-raffika ta’ kawżi li għamlu kontra l-konvenuti, bil-konvenut, bin l-Atturi. F’dawn il-kawżi l-konvenut immankabilment dejjem suspettożament baqa’ kontumaċi jew jagħmel ammissjoni. B’dan il-mod ħalla lill-ex mara tiegħu tikkombatti waħedha kontra l-ġenituri tiegħu u dan kif ser ikun spjegat aktar ‘l isfel.

L-Attur jgħid li kien żamm fuq ismu xi isħma li kellu ibnu. Biex jagħti x’jifhem li kien korrett u sabiex bħal donnu jserraħ rasu li qed jipproteġi l-interessi tal-konvenuta, staqsa lill-ibnu l-konvenut jekk dawn kinux parafernali. Sa fejn jirrigwarda dawn l-isħma, fuq mistoqsija tal-Qorti jgħid għala ma

għamilx tpaċija tagħhom meta kien jaf li ibnu għandu jagħtih wieġeb għaliex ma rax il-bżonn. Anzi dawn raddhomlu lura flok addebitihom għal dak li kellu jieħu. Saħansitra jkompli jgħid li kien jgħaddilu d-*dividends* kontanti u qatt ma talbu irċevuta li tħallas (a' fol 177). Għal din il-Qorti huwa manifestament ċar li l-Atturi riedu jgħinu lil binhom mingħajr pero' ma ħadux in konsiderazzjoni l-interess tal-konvenuta. Din it-tolleranza li wera lejn ibnu ma tantx hija konfaċenti ma' l-attitudni persistenti tiegħu konsistenti fl-għadd ta' Kawżi li qiegħed jagħmel kontra ibnu u l-konvenuta, tant li in kontro-eżami jgħid li llum l-flus iridhom mingħand it-tnejn (a' fol 285 tergo). Ikompli jinsisti li ma ddebitax il-valur tal-isħma imsemmija li kellu ta' ibnu, għad-dejn li kellu miegħu għaliex ftiehem ma' ibnu li meta jkollu bżonnhom jagħtihomlu, li fil-fehma tal-Qorti ma jagħmilx sens (a' fol 286 tergo). In kontro eżami, jidher ċar li qed jiddefendi lill-ibnu (a' fol 287 tergo).

L-Atturi jargumentaw li fil-Kawża tas-separazzjoni li hemm ma' binhom l-art hija parti mill-komunjoni tal-akkwisti (a' fol 89 u 91 u 92). Għalhekk minħabba f'hekk għandha tkun tenuta tħallas dak li ħallsu huma sabiex il-konvenut seta' jixtri l-art fil-Kroazja.

B'dan kollu l-Attur jgħid li l-konvenuta qatt ma kienet preżenti meta hu mar jiddiskuti mal-Bank u dan meta ma kinux għadhom miżżewġin. Jirriżulta li l-konvenuta kienet għal kollox fl-għama x'qed jiġri fil-Kroazja. Il-konvenuta qatt ma għamlet kuntratt miegħu (a' fol 170 tergo u 171). Meta tela' l-Kroazja ma' ibnu u l-*partners* li kellu, il-konvenuta ma kinitx presenti (a' fol 171). L-Attur saħansitra jgħid, li tela' il-Kroazja għal vaganza!! Għalhekk

jidher ċar, li x-xiri ta' art jew investiment fil-Kroazja kien speċi ta' "*closed shop*" bejn l-atturi u l-konvenut. Il-konvenuta qatt ma ngħatat sodisfazzjon l-anqas meta talbitu.

Il-Qorti ma hija xejn influwenzata bil-fatt, li fil-Kawża ta' separazzjoni l-konvenuta qed tgħid li dak li ġara fil-Kroazja hi għandha parti minnu. Pero' dan huwa fatt *ex post facto* u ma tlumhiex li tipprova tieħu dak li tista', aktar u aktar meta kemm il-konvenut u anke niesu qegħdin jipprovaw ikissruha u dan kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel.

Huwa minnu li rappresentatriċi tal-HSBC tgħid li l-account tas-self magħluq għax tħallas mill-kont ta' Roger u Yvonne Borg (a' fol 74 tergo). Kien hemm direct payment mandate (a' fol 75). Għalkemm ma kellu ebda obbligu, fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022 il-partijiet qablu li bħala fatt il-Bank inkwistjoni ma bagħat ebda ittra biex jinforma lill-konvenuti li d-dejn kien qed iħallsuh l-Atturi. Pero' anke fid-dawl tal-provi u ċirkostanzi, il-Qorti hija moralment konvinta li l-konvenut kien jaf u iżda mhux hekk il-konvenuta. Mill-mod kif xehed, l-Attur ma hux wieħed ta' subgħajh f'ħalqu u kien jaf x'qiegħed jagħmel bħal ma kien jaf ukoll il-konvenut.

Għal Qorti l-istampa hija ċara. Fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati magħmula mill-Atturi, il-konvenut ammetta t-talbiet f'dik il-Kawża (a' fol 230). Fil-Kawża quddiem l-Imħallef Myriam Hayman, il-konvenut ammetta t-talbiet tal-Atturi u f'din il-Kawża baqa' kontumaċi. Jekk ma tridx saret ukoll kawża ta' ritrattazzjoni, li saret referenza għaliha f'din il-Kawża, u għal darba oħra l-konvenut ma għamilx risposta anzi ammetta l-ammont li kienu

qed jitolbu l-ġenituri, Atturi f'dik il-kawża (Ara Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta' Jannar 2025 fl-istess ismijiet). Din is-sentenza ċaħdet it-talbiet tal-Atturi u jekk ma tridx li kien għalihom din il-Kawża kellha tistenna wkoll il-Kawża ta' ritrattazzjoni imsemmijs (Ara verbal tat-18 ta' Frar 2025 a' fol 404).

Għal din il-Qorti l-kwantita' ta' kawżi li saru kontra l-konvenuti kienu strateġiċi biex prinċipalment jġibu lill-ex mara ta' bin l-Atturi għarkopptejha. Il-Qorti hija moralment konvinta wkoll, għalkemm huwa dejjem dritt tagħhom, li mingħand binhom ma huma ser jitolbu xejn u dan meta, kif ser jingħad il-konvenuta ma tikkwalifikax bħala debitriċi tagħhom, għaliex mhux biss id-dejn li sar min binhom ma jolqotx il-komunjomi tal-akkwisti, iżda wkoll għaliex, hija ma hiex ko-debitriċi tal-Atturi.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tħoss li għandha tagħmel tagħha dak li osservat il-Qorti tal-Appell fis-Sentenza tagħha fuq imsemmija:

*"Dan ma jfissirx però li l-atturi ma kellhomx jedd li jirkupraw il-flus li huma ħarġu. Ħlas ta' dejn ta' ħaddieħor mingħajr jedd ta' surroga fid drittijiet tal-kreditur ma jfissirx li min iħallas m'għandux jedd li jirkuprhom mingħand id-debitur li nħeles mid-dejn permezz ta' dak il-ħlas però jeħtieġlu jipprova illi dak il-ħlas kien ta' benefiċċju għall-persuna li mingħandha jippretendi l-ħlas. Mod ieħor, irid jipprova illi jekk il-persuna mħarka ma tħallsux iseħħ arrikkiment indebitu.*

*Kif rikonoxxut mill-istess atturi, iż-żwieġ ta' bejn il-konvenuti kien ġie annullat u għalhekk illum ma hemmx il-komunjoni tal-akkwisti bejn il konvenuti.*

*Id-dejn mal-Bank sar sabiex il-konvenut, waħdu, xtara proprjetà immobiljari fil-Kroazja. Fin-nuqqas ta' prova li l-proprjetà mixtrija fil Kroazja f'isem Matthew Borg waħdu tappartjeni wkoll lill-konvenuta, il Qorti ser tqis illi dik il-proprjetà tappartjeni biss lill-konvenut Matthew. L-atturi kienu jafu minn qabel ma bdew iħallsu d-dejn lill-Bank illi l flus li binhom kien qed jissellef mill-Bank kienu intużaw sabiex binhom waħdu jagħmel investiment fil-Kroazja. L-attur stess xhed illi huwa kien ħallas id-dejn li kien hemm mal-Bank bil-ħsieb li jagħti ċans lill-investiment li ibnu kien għamel fil-Kroazja jagħti l-frott imbagħad jitħallas lura*

*L-atturi naqsu milli jġibu l-prova illi l-konvenuta ibbenefikat mill-ħlas li huma għamlu lill-Bank. Jidher mill-atti illi l-konvenuta appellanti tħalliet kompletament fil-għama dwar dak kollu li l-konvenut l-ieħor kien qed jinvesti fil-Kroazja bil-parteċipazzjoni u l-għajnuna tal-ġenituri tiegħu l atturi. Ġiadaraba l-atturi ma ħallsux lill-Bank bħala garanti ta' dak id-dejn iżda għaliex riedu jgħinu lil binhom, u ġialadarba ma jirriżultax mill-atti illi l-konvenuta appellanti ibbeneifikat minn dak il-ħlas, l-azzjoni attriċi fil konfront tagħha ma tistax tirnexxi.*

*Jekk l-atturi riedu jkunu f'pożizzjoni li jaġixxu kontra l-konvenuta bl istess mod li seta' jaġixxi l-Bank setgħu ħadu ħsieb illi mal-ħlas jakkwistaw is-*

*surroga fid-drittijiet tal-Bank skont il-liġi. Dan ma għamluhx u għalhekk l-azzjoni attriċi tfalli".*

Pero', mingħajr ħafna kliem żejjed jingħad, li sa fejn jirrigwarda t-talbiet tal-Atturi fil-konfront tal-konvenut, dawn ġew ampjament ipprovati. Dan ifisser, li fil-waqt li t-talbiet Attriċi ser ikunu miċħuda fil-konfront tal-konvenuta, mhux hekk fil-każ tal-konvenut Matthew Borg.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** fil-konfront tal-konvenut Matthew Borg pero' tiċħadha inkwantu diretta kontra l-konvenuta Claire Bonnici.

**Tilqa' it-tieni talba** fil-konfront tal-konvenut Matthew Borg iżda tiċħadha inkwantu direttta kontra Claire Bonnici u tikkundanna għalhekk lill-imsemmi Matthew Borg iħallas lill-Atturi s-somma ta' ħamsa u sebgħin elf, mija u sittax punt tlieta u disgħin Ewro (€75,116.93) bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes kollha għall-konvenut Matthew Borg.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**